# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 546

L-Erbgha, 15 ta' Gunju, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

SKUZATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 546.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Paul Mizzi, Horace Vella u Abigail Micallef talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta' sahha, xoghol u skola. Hadd ma sab oggezzjoni

## 546.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 546.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

546.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-Animal Welfare ser jagħtuna cat house li suppost ser titpoġġa fil-playing field.

546.3.2 Saret talba sabiex titnaddaf iċ-ċinta tan-niċċa tal-Madonna li tinsab fi Triq Ġużeppi Briffa kantuniera ma' Triq San Girgor. Ser naraw ftit dwarha.

546.3.3 Is-Sindku qal li saret laqgħa ma' TM, il-Pulizija u s-sidien tat-trakkijiet li jidħlu għall-barrieri. Kienet laqgħa kordjali ħafna fejn is-sidien kollha qablu illi jekk titranġa r-rotta alternattiva li qed jaħdem fuqha l-Kunsill, lesti li jgħaddu minnha.

546.3.4 Is-Sindku qal li ġie diskuss mal-Pulizija sabiex fl-attivita' li ssir ġewwa Santa Luċija f'Settembru bl-isem ta' 'A Day in Disneyland', inġibu l-Pulizija bil-muturi u l-karozza tagħhom flimkien maż-żwiemel tal-Pulizija.

546.3.5 Saret talba mill-Kumitat tal-Festa sabiex il-Kunsill iħallas Eur450 sabiex f'għeluq il-125 sena mill-wasla tal-istatwa tal-Madonna tas-Sokkors, jinġabu l-iscouts u banda tagħhom. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas din l-attivita' hu.

546.3.6 Saret talba biex il-Kunsill idaħħal representation fuq applikazzjoni li daħħlet mal-Planning Authority – PA/2903/22. Il-Kunsill fil-fatt diġa' daħħal ir-rappreżentazzjoni.

546.3.7 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-Inginier Simon Mizzi qed jaħdem fuq id-dwal ta' Triq San Girgor.

546.3.8 Dwar il-pitch tal-boċċi, is-Sindku sarlu suġġeriment illi jsir fejn hemm il-palm wara t-tennis court. Wara diskussjoni sar qbil li nitkellmu mal-Perit Busuttil u naraw kif tista' ddaħħlu.

546.3.9 Dwar il-Community Clinic, is-Sindku qal li fil-bidu kienet ġgiet diskussa l-kera ta' Eur6,000 fis-sena mas-CEO Roseanne Camilleri. Madanakollu, ftit tal-jiem ilu kienet hawn mingħajr ma konna nafu u daħlet titkellem mas-Sindku fejn infurmatu li minn dak li kien intqal m'hemm xejn. Issa qegħda titlob li saħansitra tieħu l-librerija u l-Għassa tal-Pulizija u dan kollu tridu għal Eur1,000 fis-sena. Il-Kunsill iddiskuta u ra li din mhijiex aċċettabbli u għalhekk ser nitolbu lill-Primary Healthcare jitilqu mill-

Clinic Ta' Kerċem u ttina l-pagamenti b'lura li hemm pagabbli lill-Kunsill Lokali.

546.3.10 Dwar l-Għassa tal-Pulizija, din tlabniha lura peress li mhux qed isir użu minnha. Qed nistennew risposta.

546.3.11 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Ministeru għal Għawdex fejn infurmawh illi ser itellgħu kunċert bl-isem ta' 'Charles Buttigieg in concert' fi Pjazza Santa Luċija. Il-

546.3.12 Kunsill ġie mitlub jikkollabora f'din l-attivita' u għalhekk ser ikun qed iħallas l-imwejjed u s-siġġijiet.

546.3.13 Il-DLG bagħat korrispondenza bir-riżultat tal-applikazzjoni SPI/SCI/8/2021 fejn il-Kunsill kien applika sabiex jagħmel lift fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Madanakollu, din l-applikazzjoni ġiet rifjutata.

546.3.14 Is-Sindku aġġorna lill-membri tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tax-xogħolijiet ta' Triq Għajn Tuta. Il-problema li qed iżżommna milli nibdew hija li l-WSC għadhom ma kkonfermawx hux ser iħallsu għax-xogħolijiet tal-parti fejn hemm in-niżla biex b'hekk is-servizz ikun iwassal sal-pumping station tax-Xlendi u jkun jaħdem.

## 546.4 Festa 2022

Is-Sindku qal li bħala tindif ħa naħdmu bil-ħaddiema tagħna u ntuhom ftit time-off. Se nikru track għal Eur250 sabiex jinġabru l-boroż tal-iskart.

## 546.5 Żjara tal-Furjana

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi ġejjin grupp mill-Furjana, u peress li Ta' Kercem huwa ġemellat magħhom, ser niltaqgħu magħhom ġewwa Kercem Ajax FC.

## 546.6 Miżura 3

Ser toħroġ miżura ġdida li titratta dwar it-turiżmu matul is-sena kollha. Il-miżura tinkorpora t-tema tal-infrastruttura u attivitajiet.

Is-Sindku issuġġerixxa li naqsmu l-proġett fi tliet partijiet:

1. Belvedere fejn l-Għadira ta' San Rafflu
2. Belvedere fuq Għar Ilma
3. Tranġar ta' passaġġ fi Triq Qasam San Ġorġ flimkien ma' xiri ta' magna tad-dris li sservi bħala attrazzjoni.

Flimkien mal-infrastruttura t'hawn fuq imbagħad isiru żewġ attivitajiet matul il-proċess tax-xogħolijiet.

Bħala tema nistgħu nużaw it-tema tal-ilma peress li għandna l-akwadotti għaddejjin minn Santa Luċija. Il-proġett ser ikun 80% iffinanzjat minn fondi Ewropej u 20% mill-Co-financing.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li japplika.

## 546.7 Ġieħ Ta' Kerċem

Is-Sindku reġa' semma l-Ġieħ li ser jingħata lill-Għaqda Mużikali San Girgor. Peress li attivita' mhux ser nagħmlu minħabba li l-ġieħ ser jingħata dakinhar tal-programm tal-banda huwa jħoss li għandha ssir plakka bħala tifkira u jinxtara strument mużikali, li huwa l-Gong, sabiex jibqa' bħala tifkira tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 546.8 Ilmenti u Suġġerimenti

546.8.1 Saret talba għal double yellow line fi Sqaq Nru 1 fi Triq San Girgor. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' TM.

546.8.2 Saret talba oħra għal double yellow line fi Triq l-Avukat A Calleja minn fejn l-iskola Santa Tereza sal-kantuniera ta' Triq l-Indipendenza peress li ġieli qed ikun hemm minn jipparkja u jiġi ta' periklu fin-nofs. Sar qbil li napplikaw ma' TM.

546.8.3 Is-Sindku informa lill-membri li ser ikollna nixtru grass cutter peress li dak li għandna spiċċa u kien qed jagħmel ħafna ħsara. Sar qbil.

546.8.4 Is-Sindku semma li tkellem ma' persuna sabiex tibda tieħu ħsieb il-pagna tal-Facebook tal-Kunsill. Dan sabiex din il-pagna tkun dejjem aggornata kif jixraq. Hadd ma sab oġġezzjoni.

## 546.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 546.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.25pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 13 ta' Lulju, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv